# Naf Tifel

Ġorġ Borg

Naf tifel li tela' mill-baħar.

Naf tifel li farfar tfulitu
fuq medda ta' ramel.

Naf tifel li x-xatt kien pajjiżu
u l-mewġ kien id-demm jiġri fih.

Naf tifel li reġa' mar lura
fil-baħar,
fil-qiegħ.

# Metaforosi

Alfred Degabriele

Tfajla,
issa li qalbi saret ġugarell
bla ebda sentiment, għal ħafna;
issa li int taf li ċ-ċaħda kiefra
tweġġagħni, bħalma tweġġa'
il-kisra ta' għajnejk kull għodwa
hekk kif narak il-bieb tagħlaq warajk
u tmur ħosbiena lejn ix-xogħol
u, waħdek, taħseb f'dak li kien,
f'li seta' sar,
f'li tixtieq qalbek;

issa li l-Bieraħ
m'għadx fadal fih tifsira ta' li spiċċa
imma xewqa ta' żmien ħlejju
bħalma tifkira treġġa' fina
tqanqil is-sliem u xenqa li ngħixuha;

issa li jiena nħossni bħall-marid pupletiku
ġo sptar fejn Tama ma timraħx,
fejn Ħniena ma tfissirx għajr weġgħa,
fejn Bikja ma ssarrafx għajr bikja
jew tnehida;



tfajla, issa li sirt nafek aktar
u ħabbejtek
f'kull imkien ta' qalbi,
ħallili biss b'tifkira
viżjoni ta' l-imgħoddi w t'issa,
u d-demgħa tilma
li rajtlek tul ħaddejk dan l-aħħar . . .

Għax issa d-dawl tal-jum intefa:
biss ħsiebi jikser is-serħan u s-sikta!

# Bħan-Nar tal-Festi

Alfred Degabriele

Bħan-nar tal-festi b'ħeġġa tlajt fil-għoli
'il fuq 'il fuq mill-bjut ta' qalb il-kotra
biex nimraħ 'l hawn u 'l hinn fis-sema wiesa'
bla naf 'il fejn it-tarf ta' naħa w l-oħra.
Xtaqt nimla dlonk fid-dlam bi lwien imsaħħra
dlam ċappa miksur biss bi kwiekeb jiddu,
iħarsu 'l isfel bħal fil-briju mkebbes
ta' qalb imħeġġa f'dak il-jum tal-festa . . . .

Bħan-nar tal-festi xtaqt inħaddnek miegħi
'il bogħod mill-weġgħa ta' għajnejn miksura
li taħbi dmugħha u li tostor għommtha
tul triq mimlija nies u tħossha wħidha.
Biex ngħidlek issa dak li ħadd ma qallek
x'ħin tieqaf tolfoq bla ma turi d-demgħa!
u tifhem l-għala taħkmek l-id fid-dalma
ta' l-għeja w swied il-qalb ġo fik miġbura.

Bħal tfajjel ċkejken medhi bil-kuluri,
intfajt ħosbieni naħseb fik u fil-bieraħ –
fil-baħar ikħal kollu mewġ melliesi,
fid-dawl inemnem ta' lukandi mżejna.
'Mma meta dhertli int, bħal f'ħolma ġdida,
u ttawwalt fis ħa nilħqek u nerġa' nżurek,
dlonk għebu l-ilwien sbieħ ta' xewqti fiergħa . . .
u ntfew mill-ġdid ilkoll bħan-nar tal-festi!